SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

8 ta' Settembru 2010 *

Fil-Kawża C-409/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Verwaltungsgericht Köln (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2006, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Ottubru 2006, fil-proċedura

Winner Wetten GmbH

vs

Bürgermeisterin der Stadt Bergheim,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Tizzano, J. N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts, J.-C. Bonichot u P. Lindh, Presidenti ta' Awla, K. Schiemann (Relatur), A. Borg Barthet, M. Ilešič, J. Malenovský, U. Lõhmus, A. Ó Caoimh u L. Bay Larsen, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: N. Nanchev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Diċembru 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Winner Wetten GmbH, minn O. Bludovsky u D. Pawlick, avukati,

— għall-Bürgermeisterin der Stadt Bergheim, minn M. Hecker, M. Ruttig u H. Sicking, avukati,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma, C. Schulze-Bahr kif ukoll minn B. Klein u J. Möller, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn A. Hubert, sussegwentement minn L. Van den Broeck, bħala aġenti, assistiti minn P. Vlaemminck u S. Verhulst, avukati,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Gvern Grieg, minn A. Samoni-Rantou, G. Skiani, M. Tassopoulou kif ukoll minn K. Boskovits, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn F. Díez Moreno, bħala aġent,

— għall-Gvern Franċiż, minn E. Belliard, G. de Bergues, C. Jurgensen u C. Bergeot-Nunes kif ukoll minn A. Adam, bħala aġenti,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u P. Mateus Calado kif ukoll minn A. P. Barros, bħala aġenti,

— għall-Gvern Sloven, minn M. Remic, bħala aġent,

— għall-Gvern Norveġiż, minn F. Sejersted, G. Hansson Bull, K. B. Moen u Ø. Andersen, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Traversa u K. Gross, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 43 KE u 49 KE kif ukoll il-konsegwenzi relatati mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt Komunitarju.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest tal-kawża bejn Winner Wetten GmbH (iktar 'il quddiem "WW") u l-Bürgermeisterin der Stadt Bergheim (Sindku tal-belt ta' Bergheim), fir-rigward tad-deċiżjoni ta' din li tipprojbixxi lil WW milli tkompli bl-attività tagħha li tipproponi mħatri fuq kompetizzjonijiet sportivi.

Il-kuntest ġuridiku nazzjonali

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

3 L-Artikolu 12(1) tal-Liġi Fundamentali (Grundgesetz) jiddisponi:

"Kull ċittadin Ġermaniż għandu d-dritt li jagħżel liberament il-professjoni tiegħu, il-post tax-xogħol tiegħu u l-post tat-taħriġ tiegħu. L-eżerċizzju tal-professjoni jista' jkun irregolat mil-liġi jew ibbażat fuq liġi."

4 L-Artikolu 31 tal-liġi dwar il-Qorti kostituzzjonali federali (Bundesverfassungsgeric htsgesetz) jipprovdi:

"(1) Id-deċiżjonijiet tal-Bundesverfassungsgericht għandhom jorbtu l-awtoritajiet kostituzzjonali tal-federazzjoni u tal-Länder, kif ukoll il-qrati u l-awtoritajiet kollha.

(2) […] id-deċiżjoni tal-Bundesverfassungsgericht għandha saħħa ta' liġi […] meta l-Bundesverfassungsgericht tiddikjara li liġi hija kompatibbli jew inkompatibbli mal-Liġi Fundamentali jew hija nulla. Sa fejn liġi hija ddikkjarata li hija kompatibbli jew inkompatibbli mal-Kostituzzjoni jew ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt federali, jew hija nulla, id-dispożittiv tad-deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Bundesgesetzblatt* […]"

5 Skont l-Artikolu 35 tal-liġi dwar il-Qorti kostituzzjonali federali:

"Il-Bundesverfassungsgericht fid-deċiżjoni tagħha tista' tiddeċiedi minn ser jeżegwixxi din tal-aħħar; huwa jista' wkoll jirregola l-mod kif l-eżekuzzjoni għandha ssir."

6 L-Artikolu 284 tal-Kodiċi kriminali (Strafgesetzbuch) jistabbilixxi:

"(1) Kull persuna li, mingħajr awtorizzazzjoni amministrattiva, torganizza xi logħob tal-ażżard għall-pubbliku jew tipprovdi l-istruttura meħtieġa għal dan il-għan għandha teħel piena ta' ħabs ta' mhux iktar minn sentejn jew multa.

[…]

(3) Kull persuna li taġixxi fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1

1. b'mod professjonali […]

[…]

tista' teħel piena ta' ħabs ta' bejn tliet xhur u ħames snin.

[…]"

7 Permezz tat-Trattat tal-Istat dwar il-lotteriji fil-Ġermanja (Staatsvertrag zum Lotteriewesen in Deutschland, iktar 'il quddiem il-"LottStV"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2004, il-Länder ħolqu qafas uniformi għall-organizzazzjoni, l-operat u l-istabbiliment, bħala negozju, tal-logħob tal-ażżard, ħlief għall-każinòs.

8 L-Artikolu 1 tal-LottStV jistabbilixxi:

"It-Trattat tal-Istat għandu l-għan

1. li jidderiġu b'mod ordnat u sorveljat it-tendenza naturali tal-popolazzjoni għal-logħob u, b'mod partikolari, li jevitaw li din tinfirex fuq il-logħob tal-ażżard mhux awtorizzat

2. li jiġi pprojbit l-inkoraġġiment eċċessiv għal-logħob,

3. li jiġi eskluż l-isfruttar tat-tendenza għal-logħob għal skopijiet ta' qliegħ privat jew kummerċjali,

4. li jiġi żgurat li l-logħob tal-ażżard isir b'mod legali u li l-loġika tiegħu tkun waħda li tinftiehem, u

5. li jiġi żgurat li parti sostanzjali mid-dħul li jiġi mil-logħob tal-ażżard tintuża għall-promozzjoni tal-għanijiet pubbliċi jew li jibbenefikaw minn status privileġġat ta' taxxa, skont il-Kodiċi fiskali."

9 L-Artikolu 5(1) u (2) tal-LottStV jipprovdi li:

"1. Il-Länder għandhom, fil-kuntest tal-għanijiet previsti fl-Artikolu 1, l-obbligu legali li jiżguraw [l-eżistenza ta'] offerta adegwata ta' logħob tal-ażżard.

2. Skont il-liġi, il-Länder jistgħu jinkarigaw ruħhom huma stess minn dan il-kompitu, jew jassenjawh lil persuni ġuridiċi rregolati bid-dritt pubbliku jew inkella lil kumpanniji privati fejn persuni ġuridiċi rregolati bid-dritt pubbliku jkollhom, direttament jew indirettament, sehem determinanti."

10 Fil-Land ta' Nordrhein-Westfalen (iktar 'il quddiem il-"Land ta' NRW"), l-applikazzjoni tal-LottStV hija żgurata permezz tal-liġi fuq l-imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi (Sportwettengesetz Nordrhein-Westfalen), tat-3 ta' Mejju 1955 (iktar 'il quddiem is-"SWG NRW"), li l-Artikolu 1(1) tiegħu jipprovdi:

"Il-gvern tal-Land jista' jawtorizza lill-kumpanniji tal-imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi. Il-kumpanniji tal-imħatri msemmija għandhom neċessarjament ikunu persuna ġuridika rregolata bil-liġi pubblika jew persuna ġuridika rregolata bil-liġi privata li l-maġġoranza tal-ishma jkunu jappartjenu lil persuni ġuridiċi rregolati bil-liġi pubblika. […]".

11 Awtorizzazzjoni waħda biss ta' dan it-tip ġiet mogħtija fil-Land ta' NRW, u ngħatat lill-Westdeutsche Lotterie & Co. OHG.

Is-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht tat-28 ta' Marzu 2006

12 F'sentenza tat-28 ta' Marzu 2006, il-Bundesverfassungsgericht iddeċidiet, dwar il-leġiżlazzjoni li tiżgura t-traspożizzjoni tal-LottStV fil-Land ta' Bayern, li l-monopolju tal-Istat rigward imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi li jeżistu fl-imsemmija Land kiser l-Artikolu 12(1) tal-Liġi Fundamentali li jiżgura l-libertà professjonali. L-imsemmija qorti qieset b'mod partikolari li, sa fejn dan eskluda l-attività ta' organizzazzjoni ta' mħatri privati mingħajr madankollu ma kien akkumpanjat minn qafas regolamentari li huwa adattat sabiex jiżgura strutturalment u sostanzjalment, kemm fid-dritt u kif ukoll fil-fatt, li l-għan ta' tnaqqis tal-passjoni għal-logħob u ta' ġlieda kontra l-vizzju tal-logħob ikun effettivament imħaddan, l-imsemmi monopolju ħoloq preġudizzju sproporzjonat għal-libertà professjonali s'issa ggarantita

13 Wara li enfasizzat li l-leġiżlatur jiddisponi minn diversi modi biex jirrimedja għall-inkostituzzjonalità hekk ikkonstatata, jiġifieri, jew l-organizzazzjoni sistematika ta' monopolju sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi hawn fuq, jew l-istabbiliment, bil-liġi, ta' termini ta' approvazzjoni fl-organizzazzjoni tal-imħatri fuq bażi kummerċjali mill-kumpanniji privati, il-Bundesverfassungsgericht iddeċidiet li ma tannullax il-leġiżlazzjoni inkwistjoni u li żżommha fl-effett sal-31 ta' Diċembru 2007, billi ppreċiżat li sa din id-data l-leġiżlatur għandu jkun eżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu billi jemenda r-regoli li ma jkunux konformi mal-Liġi Fundamentali sabiex jiżgura l-konformità tagħhom ma' din.

14 Il-Bundesverfassungsgericht ikkunsidrat ukoll li s-sitwazzjoni legali eżistenti, madankollu kienet għalhekk provviżorjament miżmuma biss jekk jiġi stabbilit mingħajr dewmien, minimu ta' koerenza bejn l-għan li tiġi llimitata l-passjoni għal-logħob u l-ġlieda kontra l-vizzju għal din, u l-eżerċizzju effettiv tal-monopolju. B'mod partikolari, kien ipprojbit matul il-perijodu tranżitorju stabbilit li tiżdied il-provvista ta' mħatri u li jsir reklamar li jmur lil hinn minn sempliċi informazzjoni dwar in-natura u l-*modus operandi* tal-imħatri proposti. Barra minn hekk, kellha immedjatament tingħata informazzjoni attiva dwar il-perikoli marbuta mal-imħatri.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 WW tiddisponi minn fond kummerċjali f'Bergheim (il-Ġermanja) fejn hija partikolarment tieħu l-imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi f'isem il-kumpannija Tipico Co. Ltd, stabbilita u rreġistrata f'Malta.

16 B'deċiżjoni tat-28 ta' Ġunju 2005, il-Bürgermeisterin der Stadt Bergheim ipprojbixxiet lil WW milli tkompli teżerċita din l-attività, taħt piena ta' għeluq u tal-issiġġillar tal-fond kummerċjali tagħha.

17 L-ilment imressaq kontra din id-deċiżjoni minn WW ġiet miċħuda bid-deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2005 tal-Landrat des Rhein-Erft-Kreises (kap tas-servizzi amministrattivi ta' Rhein-Erft-Kreises), minħabba li b'din l-attività WW, jekk ma kinitx kompliċi fl-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard, attività punibbli taħt l-Artikolu 284 tal-Kodiċi Kriminali, kienet għallinqas tkun ħatja ta' ksur tal-Artikolu 1 tas-SWG NRW, li jissuġġetta kull organizzazzjoni tal-imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi għall-ksib ta' awtorizzazzjoni minn qabel maħruġa mill-Land ta' NRW.

18 WW ippreżentat rikors quddiem il-Verwaltungsgericht Köln (qorti amministrattiva ta' Köln) kontra din id-deċiżjoni u d-deċiżjoni tat-28 ta' Ġunju 2005, billi ssostni li l-monopolju tal-Istat fuq l-imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi fis-seħħ fil-Land ta' NRW, li fuqhom huma bbażati dawn l-atti, huwa kontra l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantiti mill-Artikolu 49 KE.

19 Il-Verwaltungsgericht Köln jinnota li la WW u lanqas Tipico Co. Ltd ma kellhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 1 tas-SWG NRW sabiex jeżerċitaw l-attività inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li tali awtorizzazzjoni ma kellhiex lilhom tingħata minħabba fl-eżistenza ta' monopolju stabbilit permezz tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Land ta' NRW.

20 F'dan ir-rigward, il-Verwaltungsgericht Köln jemmen madankollu li jirriżulta mis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Gambelli *et* (C-243/01, Ġabra p. I-13031), li miżura restrittiva bħal dan il-monopolju, ma hijiex f'dan il-każ iġġustifikata fir-rigward tal-għan allegat ta' prevenzjoni tal-inkoraġġiment għall-infiq eċċessiv marbut mal-logħob u tal-ġlieda kontra l-vizzju ta' din, peress li huwa stabbilit li l-parteċipazzjoni fl-imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi hija inkoraġġuta mill-organizzazzjonijiet nazzjonali awtorizzati sabiex jorganizzaw tali mħatri u li, għaldaqstant, din il-miżura ma tikkontribwixxix sabiex jiġu llimitati l-attivitajiet ta' imħatri b'mod koerenti u sistematiku.

21 Jirriżulta mis-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht tat-28 Marzu 2006, fuq imsemmija, mogħtija fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Land ta' Bayern, u digriet simili mogħti mill-istess qorti fit-2 ta' Awissu 2006 fir-rigward tal-leġiżlazzjoni komparabbli tal-Land ta' NRW, li l-monopolju tal-Istat eżistenti fil-qasam tal-mħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi f'dan il-Land jikser l-Artikolu 12(1) tal-Liġi Fundamentali, minħabba li l-qafas regolatorju fis-seħħ ma jiżgurax la fil-liġi u lanqas fil-fatt li l-għan li titnaqqas il-passjoni għal-logħob u l-ġlieda kontra l-vizzju lejn dan jiġu effettivament imfittxija.

22 Barra minn dan, f'din is-sentenza, il-Bundesverfassungsgericht espressament enfasizzat li r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dispożizzjoni Kostituzzjonali fuq imsemmija u dawk li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari mis-sentenza Gambelli *et*, iċċitata iktar 'il fuq, jaqblu f'dan ir-rigward.

23 Skont il-Verwaltungsgericht Köln, jista' jiġi dedott mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti li l-monopolju eżistenti fil-Land ta' NRW għandu jiġi kkunsidrat bħala kuntrarju kemm għad-dritt Komunitarju kif ukoll lejn il-Liġi Fundamentali, hekk kif ukoll ġa kien deċiż qabel mill-Oberverwaltungsgericht Nordrhein-Westfalen (qorti amministrattiva ta' Nordrhein-Westfalen).

24 Skont din l-aħħar qorti, il-fatt li Westdeutsche Lotterie & Co. OHG, sa mill-għoti tas-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht tat-28 ta' Marzu 2006, fuq imsemmija, ipprova jaġġusta l-prassi tiegħu b'mod li jissodisfa r-rekwiżiti tranżitorji stabbiliti minn din l-aħħar qorti, hekk kif kienu deskritti fil-punt 14 ta' din is-sentenza, ma huwiex biżżejjed sabiex jitwaqqaf dan il-ksur tad-dritt Komunitarju, u għal dan il-għan emenda hija meħtieġa għall-qafas legali fis-seħħ.

25 Il-Verwaltungsgericht Köln madankollu osservat li, minkejja n-nuqqas ta' kompatibbiltà bejn il-leġiżlazzjoni tal-Land ta' NRW u d-dritt Komunitarju kkonstatat mill-Oberverwaltungsgericht Nordrhein-Westfalen, din l-aħħar qorti ddeċidiet li din il-leġiżlazzjoni kellha tibbenefika mill-istess miżuri tranżitorji bħal dawk deċiżi mill-Bundesverfassungsgericht fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu 2006, fuq imsemmija, jiġifieri, hekk kif jirriżulta fil-punti 13 u 14 ta' din is-sentenza, żamma tal-effett tagħha sal-31 ta' Diċembru 2007.

26 Skont l-Oberverwaltungsgericht Nordrhein-Westfalen, il-prinċipju ġenerali taċ-ċertezza legali u n-neċessità li ma tinħoloqx lakuna legali li tikkostitwixxi theddida għall-interessi pubbliċi importanti, fil-fatt jeħtieġ li temporanjament dawn l-interessi jingħataw prijorità fil-konfront ta' dawk tal-fornituri tal-imħatri privati fir-rigward tal-libertà ta' aċċess għas-suq, billi tipprovdi, b'deroga mill-prinċipju ta' supremazija tad-dritt Komunitarju, perijodu tranżitorju li matulu l-leġiżlazzjoni kkonċernata setgħat tibqa' applikabbli.

27 Il-Verwaltungsgericht Köln għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-istabbiliment ta' tali perijodu tranżitorju mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' supremazija tad-dritt Komunitarju, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tad-9 ta' Marzu 1978, Simmental (106/77, Ġabra p. 629), li immedjatament jeħtieġ b'mod ikkundizzjonat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tikser l-Artikoli 43 KE jew 49 KE ma tkunx iktar applikata.

28 Huma f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Verwaltunsgericht Köln iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikoli 43 KE u 49 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-monopolju tal-Istat fuq l-imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi li jinvolvu restrizzjonijiet illegali fuq il-libertà ta' stabbiliment u fuq

il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi ggarantiti minn dawn l-artikoli inkwantu ma jikkontribwixxux biex jiġu limitati l-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza [Gambelli *et*, iċċitata iktar 'il fuq]) jistgħu jkomplu japplikaw b'mod eċċezzjonali għal perijodu tranżitorju minkejja s-supremazija tal-prinċipju tad-dritt Komunitarju direttament applikabbli?

2) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, taħt liema kundizzjonijiet wieħed jista' jaċċetta eċċezzjoni għall-prinċipju tas-supremazija u kif għandu jiġi kkalkolat il-perijodu tranżitorju?"

Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari

29 Il-Gvern Norveġiż huwa tal-fehma li d-domandi preliminari huma ta' natura ipotetika. Fil-fatt, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, li mingħajr ma jeżamina huwa nniffsu l-monopolju stabbilit fil-Land ta' NRW fir-rigward tad-dritt Komunitarju, il-qorti tar-rinviju kkunsidrat l-inkompatibbiltà ta' dan il-monopolju mar-regoli tat-Trattat KE billi sempliċiment irreferiet għas-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht tat-28 ta' Marzu 2006, imsemmija iktar 'il fuq. Minn naħa, f'dik is-sentenza, il-Bundesverfassungsgericht espressament ikkonstatat li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-monopolju inkwistjoni mad-dritt Komunitarju. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Bundesverfassungsgericht ikkunsidrat li dan il-monopolju kien imur kontra l-Liġi Fundamentali bl-ebda mod ma jippreġudika l-inkompatibbiltà eventwali tiegħu mad-dritt Komunitarju.

30 Min-naħa tagħhom, il-gvernijiet tal-Ġermanja u tal-Belġju, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea sostnew li, iktar milli tiġi konkluża l-inkompatibbiltà tal-monopolju inkwistjoni fil-kawża prinċipali mad-dritt Komunitarju fuq il-bażi biss tal-konstatazzjonijiet magħmula mill-Bundesverfassungericht fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu 2006, imsemmija iktar 'il fuq, il-qorti tar-rinviju kien messha eżaminat jekk tali inkompatibbiltà baqgħatx fid-dawl tal-kundizzjonijiet li fihom il-Bundesverfassungsgericht, b'din id-deċiżjoni, issuġġettat iż-żamma provviżorja tal-effetti tal-leġiżlazzjoni kkonċernata, hekk kif deskritti fil-punt 14 ta' din is-sentenza.

31 Il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni jikkunsidraw li fin-nuqqas ta' tali eżami, ma hijiex ipprovata r-rilevanza tad-domandi preliminari għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali. Il-Gvern Ġermaniż, min-naħa tiegħu jissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizza għandha tirriformula mill-ġdid id-domandi u twieġeb li l-monopolju hekk kif ġie rristrutturat b'mod tranżitorju huwa konformi mar-rekwiżiti tas-sentenza Gambelli *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

32 Ħerqana sabiex tirrispondi għall-oġġezzjonijiet magħmula, il-qorti tar-rinviju bagħtet ittra lill-Qorti tal-Ġustizzja datata 11 ta' Mejju 2007, li fiha tippreċiża li sabiex tiddeċiedi fuq il-kawża prinċipali, hija għandha tqis is-sitwazzjoni tal-liġi ta' fatt hekk kif kienet teżisti fil-mument tad-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri fit-22 ta' Settembru 2005, b'mod li kull emenda eventwali li ssir wara s-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht tat-28 ta' Marzu 2006, imsemmija iktar 'il fuq, ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi deċiża l-kawża prinċipali.

33 Fir-rigward tal-kontenut ta' din l-ittra, il-Qorti tal-Ġustizzja, li taġixxi fuq il-bażi tal-Artikolu 104(5) tar-regoli tal-proċedura tagħha, fis-16 ta' Lulju 2008, indirizzat ittra lill-qorti tar-rinviju, fejn talbet lil din tal-aħħar tindika jekk ir-risposta għad-domandi preliminari jibqgħux meħtieġa għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali, fid-dawl tal-preċiżazzjonijiet li sadanittant tat il-Bundesverfassungsgericht f'digriet tat-22 ta' Novembru 2007. F'dan id-digriet, il-Bundesverfassungsgericht iddeċidiet fir-rigward tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza

tat-28 ta' Marzu 2006, fuq imsemmija, li ż-żamma tal-effetti ta' din il-leġiżlazzjoni deċiża permezz ta' din is-sentenza ma kienx ta' natura li jelimina n-nuqqas ta' konformità mal-Liġi Fundamentali tad-deċiżjonijiet amministrattivi adottati qabel din is-sentenza.

34 Fir-risposta tagħha tat-8 ta' Awwissu 2008, il-qorti tar-rinviju ppreċiżat li risposta għad-domandi preliminari kienet għadha neċessarja sa fejn, kuntrarjament għal dak li hija kienet diġà indikat qabel, hija kellha tikkunsidra s-sitwazzjoni tal-liġi u ta' fatt li kienet teżisti fid-data tal-31 ta' Diċembru 2007 sabiex tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Il-ġurisprudenza żviluppat b'tali mod li l-legalità ta' deċiżjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha minn issa 'l quddiem tiġi evalwata fid-data li fiha ngħatat id-deċiżjoni mill-qorti. Fir-rigward tal-kawża prinċipali, madankollu, hija d-data tal-31 ta' Diċembru 2007 li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, peress li leġiżlazzjoni ġdida li tvarja sostanzjalment minn dik preċedenti u li hija nieqsa minn kull effett retroattiv, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

35 L-ewwel nett, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti li tagħti deċiżjoni fuq l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali, inkwantu interpretazzjoni tali taqa' fil-fatt taħt il-kompetenza esklużiva tal-qrati nazzjonali. Jeħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja, meta jkollha talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali, tillimita ruħha għall-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li tressqet quddiemha mill-imsemmija qorti (sentenza tas-27 ta' Ottubru 2009, ČEZ, C-115/08, Ġabra p. I-10265, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 It-tieni nett, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita bl-Artikolu 267 TFUE, huwa biss għall-qorti nazzjonali, li għandha l-kawża quddiemha u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża kemm in-neċessità għal deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-prinċipju, għandha tiddeċiedi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, C-379/98, Ġabra p. I-2099, punt 38, u tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer, C-169/07, Ġabra p. I-1721, punt 24).

37 Ir-rifjut li tiddeċiedi fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali hija biss possibbli fejn huwa pjuttost ovvju li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema hija ipotetika, jew fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex twieġeb b'mod utli għad-domandi magħmula lilha (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq PreussenElektra, punt 39, u Hartlauer, punt 25).

38 Fil-fatt, il-ġustifikazzjoni ta' domanda preliminari ma hijiex il-formulazzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi fuq domandi ġenerali jew ipotetiċi, iżda hija l-ħtieġa inerenti għas-soluzzjoni effettiva ta' kawża (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' April 2009, Elshani, C-459/07, Ġabra p. I-2759, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Fir-rigward ta' dawn l-aspetti differenti, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li jirriżulta mill-ġurisprudenza li fid-dawl tas-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistax jintalab li, qabel ma tagħmel ir-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju tagħmel il-konstatazzjonijiet fattwali kollha u l-evalwazzjonijiet ta' dritt kollha li hija mistennija tagħmel bħala parti mill-funzjoni ġudizzjarja tagħha. Fil-fatt, huwa biżżejjed li s-suġġett tal-kawża prinċipali kif ukoll il-konsegwenzi prinċipali għas-sistema ġuridika Komunitarja jirriżultaw mit-talba għal deċiżjoni preliminari sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċedura quddiem din tal-aħħar (ara

s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, C-42/07, Ġabra p. I-7633, punt 41).

40 It-tieni nett, għandu jiġi nnotat li jirriżulta mill-preċiżazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni tar-rinviju li l-Oberverwaltungsgericht Nordrhein-Westfalen, qorti li tiddeċiedi fuq appelli kontra d-deċiżjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju, diġà ddediċidiet, minn naħa, li l-monopolju inkwistjoni fil-kawża prinicpali huwa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li l-osservanza tal-kundizzjonijiet tranżitorji stabbiliti mill-Bundesverfassungsgericht fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu 2006, imsemmija iktar 'il fuq, u mfakkra fil-punt 14 tas-sentenza, ma hijiex biżżejjed sabiex tali inkompatibbiltà tiġi fi tmiemha.

41 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, ma huwiex ovvju li l-interpretazzjonijiet mitluba ma kellhom xejn x'jaqsmu mar-realtà jew is-suġġett tal-kawża prinċipali, jew li l-problema kienet ta' natura ipotetika. Minn dan isegwi li d-domandi preliminari għandhom jiġu kkunsidrati ammissibbli.

Fuq l-identifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni

42 Il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar ir-rilevanza tar-referenza inkluża fl-ewwel domanda għall-Artikolu 43 KE, b'din l-istituzzjoni ssostni li huwa biss l-Artikolu 49 KE li huwa intiż li japplika għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

43 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, l-attivitajiet li jippermettu lill-utenti li jipparteċipaw, kontra ħlas, f'logħba jikkostitwixxu attivitajiet ta' servizz fis-sens tal-Artikolu 49 KE (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-24 ta' Marzu 1994, Schindler, C-275/92, Ġabra p. I-1039, punt 25, u tal-21 ta' Ottubru 1999, Zenatti, C-67/98 Ġabra p. I-7289, punt 24). L-istess japplika għall-attività ta' promozzjoni u stabbiliment tal-logħob tal-ażżard, tali attività tikkostitwixxi biss metodu konkret ta' organizzazzjoni u ta' tmexxija tal-logħob marbuta magħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Schindler, iċċitata iktar 'il fuq, punti 22 u 23).

44 Servizzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu għalhekk jirriżultaw mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 KE, peress li, bħal fil-kawża prinċipali, mill-inqas wieħed mill-forniturі huwa stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak li fih is-servizz huwa propost (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Zenatti, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24), sakemm l-Artikolu 43 huwa applikabbli.

45 Fir-rigward tal-Artikolu 43 KE, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni tipprojbixxi r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, inklużi restrizzjonijiet dwar il-ħolqien ta' aġenziji, fergħat jew sussidjarji (ara s-sentenza Gambelli *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

46 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-ġurisprudenza li l-kunċett ta' stabbiliment huma mifhum, b'mod wiesa' ħafna, bħala li jinvolvi l-possibbiltà ta' ċittadin Komunitarju li jipparteċipa, fuq bażi stabbli u kontinwa, fil-ħajja ekonomika ta' Stat Membru ieħor li ma huwiex l-Istat tiegħu ta' oriġini, u li minn dan jibbenefika minn profitt, u b'hekk jippromwovi l-interpenetrazzjoni ekonomika u soċjali fil-Komunità Ewropea fil-qasam tal-attivitajiet ta' persuna li taħdem għal rasha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard, C-55/94, Ġabra p. I-4165, punt 25). Iż-żamma ta' preżenza permanenti fi Stat Membru minn impriża stabbilita fi Stat Membru ieħor hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet tat-trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment anki jekk dik il-preżenza ma tkunx ħadet il-forma ta' fergħa jew ta' aġenzija, iżda hija eżerċitata permezz ta' sempliċi uffiċċju, li skont il-każ huwa amministrat minn persuna indipendenti, iżda awtorizzata li taġixxi kontinwament għall-kumpannija

bħala aġenzija (ara s-sentenza tal-4 ta' Diċembru 1986, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, 205/84, Ġabra p. 3755, punt 21).

47 Fir-rigward tal-qasam tal-logħob u tal-imħatri, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fis-sentenza Gambelli *et*, iċċitata iktar 'il fuq, li l-Artikolu 43 KE huwa intiż li japplika għal sitwazzjoni fejn impriża stabbilita fi Stat Membru tiddisponi, fi Stat Membru ieħor, minn preżenza li tikkonkretizza ruħha permezz ta' ftehim kummerċjali konklużi ma' operaturi jew intermedjarji, dwar il-ħolqien ta' ċentri ta' trażmissjoni ta' data li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-utenti mezzi elettroniċi, li jiġbru u jirreġistraw l-imħatri u jibagħtuhom lill-impriża. Meta impriża tkompli bl-attività ta' ġbir ta' mħatri permezz ta' tali organizzazzjoni ta' aġenziji stabbiliti fi Stat Membru ieħor, ir-restrizzjonijiet imposti fuq l-attivitajiet ta' dawn l-aġenziji jikkostitwixxu ostakoli għal-libertà ta' stabbiliment (ara s-sentenzi Gambelli *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 14 u 46, kif ukoll tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica *et*, C-338/04, C-359/04 u C-360/04, Ġabra p. I-1891, punt 43).

48 F'dan il-każ, l-indikazzjonijiet fid-deċiżjoni tar-rinviju dwar ir-relazzjonijiet eżistenti bejn Tipico Co Ltd u WW ma jippermettu la li jiġi affermat u lanqas li jiġi eskluż li din tal-aħħar għandha tkun ikkunsidrata bħala sussidjarja, fergħa jew aġenzija fis-sens tal-Artikolu 43 KE.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitfakkar li fil-kuntest ta' proċedura msemmija fl-Artikolu 267 TFUE, li huwa bbażat fuq separazzjoni netta tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, kull evalwazzjoni tal-fatti tal-kawża prinċipali jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Frar 2003, IKA, C-326/00, Ġabra p. I-1703, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Barra minn dan, hekk kif tfakkar fil-punt 36 ta' din is-sentenza, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha tevalwa kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.

51 Għalhekk, huwa għall-qorti tar-rinviju li tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża, jekk is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt l-Artikolu 43 KE jew l-Artikolu 49 KE.

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, huwa meħtieġ li jiġu kkunsidrati d-domandi preliminari fid-dawl kemm tal-Artikolu 43 KE u tal-Artikolu 49 KE.

Fuq il-mertu

Fuq l-ewwel domanda

53 Qabel kollox għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tat-trattat u l-atti ta' istituzzjonijiet direttament applikabbli għandhom l-effett, fir-relazzjoni tagħhom mad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri, li jagħmlu awtomatikament inapplikabbli, mill-istess dħul fis-seħħ tagħhom, kull dispożizzjoni li tikser il-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Simmenthal, iċċitata iktar 'il fuq, punt 17, kif ukoll tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame *et*, C-213/89, Ġabra p. I-2433, punt 18).

54 Fil-fatt, kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli li huma sors immedjat tad-drittijiet u tal-obbligi għal dawk kollha li tirrigwarda, kemm jekk Stati Membri jew individwi li huma partijiet għal relazzjonijiet ġuridiċi taħt id-dritt tal-Unjoni, għandhom jużaw l-effetti sħaħ tagħhom, b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha, sa mid-dħul fis-seħħ tagħhom u matul iż-żmien kollu ta' validità tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Simmenthal, punti 14 u 15, kif ukoll Factortame *et*, punt 18).

55 Jirriżulta wkoll minn ġurisprudenza stabbilita li kull qorti nazzjonali li quddiemha tinfetaħ kawża li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħha, bħala korp ta' Stat Membru, għandha l-obbligu taħt il-prinċipju ta' kooperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 10 KE, li tapplika b'mod sħiħ id-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli u li tipproteġi d-drittijiet li huwa jikkonferixxi lill-individwi, indipendentement minn kwalunkwe dispożizzjoni li tista' tkun f'kunflitt mal-liġi nazzjonali, kemm jekk din tkun preċedenti jew sussegwenti għal-liġi tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Simmenthal, punti 16 u 21, kif ukoll Factortame *et*, punt 19).

56 Jirriżulta minn dak li ntqal iktar 'il fuq li hija inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għan-natura stess tad-dritt tal-Unjoni kull dispożizzjoni ta' sistema legali nazzjonali jew kull prassi leġiżlattiva, amministrattiva jew ġudizzjarja, li għandha l-effett li tnaqqas l-effettività tad-dritt tal-Unjoni minħabba l-fatt li tirrifjuta lill-qorti kompetenti mill-applikazzjoni ta' dan id-dritt is-setgħa li tagħmel, fil-mument stess ta' din l-applikazzjoni, dak kollu li huwa neċessarju sabiex twarrab id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li eventwalment jifformaw ostakolu għall-effettività sħiħa ta' dawn ir-regoli direttament applikabbli tad-dritt tal-Unjoni (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Simmenthal, punt 22, kif ukoll Factortame *et*, punt 20).

57 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan ikun il-każ jekk, fil-każ ta' kunflitt bejn dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni u ta' liġi nazzjonali sussegwenti, is-soluzzjoni ta' dan il-kunflitt kienet irriżervata għal qorti differenti minn dik li għandha tiżgura l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li għandha setgħa diskrezzjonali tagħha stess,

anki jekk l-ostakolu li hekk jirriżulta għall-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni jkun biss temporanju (sentenza Simmenthal, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23).

58 Barra minn dan, jeħtieġ li jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' protezzjoni legali effettiva huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li jirriżulta mill-prassi kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, li ġie stabbilit fl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, iffirmat f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u li ġie affermat mill-ġdid permezz tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u li f'dan ir-rigward huwa għall-qrati tal-Istati Membri, bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kooperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 10 KE, li għandhom jiżguraw il-protezzjoni legali tad-drittijiet tal-individwi mogħtija lilhom mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet, C-432/05, Ġabra p. I-2271, punti 37 u 38 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 F'dan il-każ, jista' jiġi nnutat li, meta ddeċidiet fis-sentenzi tagħha u d-digriet fuq imsemmija, rispettivament tat-28 ta' Marzu 2006 u tat-2 ta' Awwissu 2006, li monopolju bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikser ir-rekwiżiti tal-Liġi Fundamentali, il-Bundesverfassungsgericht ma ddeċidietx dwar il-kompatibbiltà ta' dan il-monopolju mad-dritt Komunitarju, anzi għall-kuntrarju din il-qorti enfasizzat, f'din is-sentenza, li f'dan il-każ kienet tikkunsidra lilha nniffisha bħala mingħajr ġurisdizzjoni sabiex tagħmel dan.

60 Il-fatt li, ladarba saret il-konstatazzjoni ta' inkompatibbiltà mal-Liġi Fundamentali, il-Bundesverfassungsgericht iddeċieda, fil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 13 u 14 ta' din is-sentenza, li jżomm l-effetti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-monopolju b'mod tranżitorju, isegwi mill-ġurisprudenza msemmija fil-punti 53 sa 58 ta' din is-sentenza li dan il-fatt ma jistax jipprekludi lil qorti nazzjonali li ssib li din l-istess leġiżlazzjoni tikser id-dispożizzjonijiet ta' effett dirett tad-dritt tal-Unjoni, bħall-Artikoli 43 KE u 49 KE, tiddeċiedi skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, li ma

tapplikax din il-leġiżlazzjoni fil-kuntest tal-kawża quddiemha (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, Filipiak, C-314/08, Ġabra p. I-11049, punt 84).

61 Regoli tad-dritt nazzjonali, anki jekk ta' natura kostituzzjonali, ma jistgħux jiġu ammessi jekk jippreġudikaw l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft, 11/70, Ġabra p. 1125, punt 3).

62 Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-istess kliem tal-ewwel domanda preliminari li l-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk, b'mod iktar ġenerali, u dan indipendentement mill-eżistenza tad-deċiżjoni tal-Bundesverfassungsgericht tat-28 ta' Marzu 2006, l-effett ta' esklużjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali meqjusa kuntrarja għall-Artikoli 43 KE u 49 KE li tirriżulta mill-prinċipju ta' supremazija tista' tiġi sospiża matul iż-żmien neċessarju sabiex din il-leġiżlazzjoni ssir konformi ma' dawk id-dispożizzjonijiet tat-Trattat. Hekk kif jirriżulta mill-punt 26 ta' din is-sentenza, din id-domanda hija fil-fatt magħmula mill-qorti tar-rinviju b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċirkustanza li, filwaqt li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li r-regolament inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikser l-Artikoli 43 KE u 49 KE, l-Oberverwaltungsgericht Nordrhein-Westfalen ddeċidiet li tali sospensjoni tkun iġġustifikata fir-rigward ta' din il-leġiżlazzjoni, fuq il-bażi li obbligi ta' protezzjoni tal-ordni soċjali u taċ-ċittadini kontra r-riskji marbuta mal-logħob tal-ażżard jipprekludu s-sitwazzjoni ta' lakuna legali li tirriżulta mill-esklużjoni immedjata ta' din.

63 L-Istati Membri kollha li ssottomettew osservazzjonijiet, essenzjalment sostnew li l-għarfien tal-eżistenza ta' prinċipju li jawtorizza, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, iż-żamma provviżorja tal-effetti ta' liġi nazzjonali meqjusa bħala li tikser regola tad-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli hija ġġustifikata, b'analoġija, fid-dawl tal-ġurisprudenza li ġiet żviluppata mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-bażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 231 KE, bl-effett li provviżorjament iżżomm l-effetti tal-atti tad-dritt Komunitarju li hija kienet annullat taħt l-Artikolu 230 KE jew ikkonstatat l-invalidità tagħhom taħt l-Artikolu 234 KE.

64 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, li skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 231 KE, li sar it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, li huwa applikabbli, b'analoġija, ukoll fil-kuntest ta' rinviju preliminari għal evalwazzjoni tal-validità, skont l-Artikolu 234 KE, li sar l-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha setgħa diskrezzjonali sabiex tindika, f'kull każ partikolari, dawk l-effetti ta' att tal-Unjoni li tannulla jew li tiddikjara invalidi li għandhom jiġu kkunsidrati bħala definittivi (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Régie Networks, C-333/07, Ġabra p. I-10807, punt 121 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Fit-twettiq ta' din il-kompetenza, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari tista' tissospendi l-effetti tal-annullament jew tal-konstatazzjoni ta' invalidità ta' att bħal dan sal-adozzjoni ta' att ġdid li jirrimedja l-illegalità kkonstatata (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra p. I-6351, punti 373 sa 376, fir-rigward ta' annullament, u Régie Networks, iċċitata iktar 'il fuq, punt 126, fir-rigward ta' konstatazzjoni ta' invalidità).

66 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, iż-żamma tal-effetti ta' att tal-Unjoni annullat jew invalidat, li huwa maħsub sabiex ma jkunx hemm lakuna legali sakemm att ġdid jissostitwixxi l-att annullat jew invalidat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Frar 2004, Rieser Internationale Transporte, C-157/02, Ġabra p. I-1477, punt 60), jista' jiġi ġġustifikat meta jkun hemm kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' ċertezza legali li jirrigwardaw l-interessi kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati, li huma involuti (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Régie Networks, iċċitata iktar 'il fuq, punt 122 u l-ġurisprudenza ċċitata) u matul iż-żmien neċessarju sabiex jippermettu rimedju għal tali illegalità (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, punt 375, kif ukoll Régie Networks, punt 126).

67 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, anki jekk jiġu preżunti kunsiderazzjonijiet simili għal dawk li jirriżultaw mill-imsemmija ġurisprudenza, żviluppati f'dak li jirrigwarda l-atti tal-Unjoni, li jkunu ta' natura li jwasslu, b'analoġija, u eċċezzjonalment, għal sospensjoni provviżorja tal-effett ta' esklużjoni minn regola

tad-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli fir-rigward tad-dritt nazzjonali kuntrarju għal dan, tali sospensjoni, li l-kundizzjonijiet tagħha jistgħu jiġu ddeterminati biss mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tiġi eskluża sa mill-bidu f'dan il-każ, minħabba n-nuqqas ta' kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' ċertezza legali li jiġġustifikawha.

68 Fil-fatt, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, li f'dan l-istadju, il-qorti tar-rinviju, hija l-unika qorti kompetenti sabiex tevalwa l-fatti tal-kawża quddiemha, u ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni restrittiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tikkontribwixxix b'mod effettiv sabiex jiġu llimitati l-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku bil-mod li jirriżulta mill-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tali leġiżlazzjoni, li ma tistax tiġi ġġustifikata minn għan ta' prevenzjoni tal-inkoraġġiment għall-infiq eċċessiv marbut mal-logħob u l-ġlieda kontra dan il-vizzju, tikser l-Artikoli 43 KE u 49 KE.

69 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqċal iktar 'il fuq, jeħtieġ li r-risposta għall-ewwel domanda li ġiet magħmula tkun li, minħabba fis-supremazija tad-dritt tal-Unjoni li huwa direttament applikabbli, leġiżlazzjoni nazzjonali dwar monopolju tal-Istat fuq l-imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi li, skont il-konstatazzjonijiet imwettqa minn qorti nazzjonali, tinkludi restrizzjonijiet inkompatibbli mal-libertà ta' stabbiliment u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, billi dawn ir-restrizzjonijiet jikkontribwixxu sabiex jiġu llimitati l-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku, ma tistax tkompli tapplika matul perijodu tranżitorju.

Fuq it-tieni domanda

70 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tiġi eżaminata t-tieni domanda li ġiet magħmula.

Fuq l-ispejjeż

71 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

Minħabba fis-supremazija tad-dritt tal-Unjoni li huwa direttament applikabbli, leġiżlazzjoni nazzjonali dwar monopolju tal-Istat fuq l-imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi li, skont il-konstatazzjonijiet imwettqa minn qorti nazzjonali, tinkludi restrizzjonijiet inkompatibbli mal-libertà ta' stabbiliment u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, billi dawn ir-restrizzjonijiet jikkontribwixxu sabiex jiġu llimitati l-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku, ma tistax tkompli tapplika matul perijodu tranżitorju.

Firem